# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Jannar 2001**

**Numru 6**

**Avviz.  numru 1029/98mm**

**C Camilleri & Sons Limited**

**vs**

**Carmelo Borg Bonaci**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fl-14 ta' Mejju 1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi l-ammont ta' mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmi (Lm221.40) dovuti wara  bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata tas-27 ta' Gunju 1997 u tal-mandat ta' qbid kontestwali u bl-interessi  kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante l-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikolu 2148(a) u (b) u l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu l-konvenut mhux debitur tas-socjeta’ attrici fl-ebda ammont.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bil-verbal moghti fil-15 ta’ Jannar 2001 l-konvenut stabbilixxa l-ewwel eccezzjoni tieghu abbazi ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jippreskrivi l-perjodu ta’  hames snin ghall-azzjoni attrici. Bl-istess verbal il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq dan il-kap tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi mid-dokumenti esebiti mill-istess socjeta’ attrici a fol 27 tal-process li l-ahhar pagament li ghamel il-konvenut kien fit-22 ta’ Marzu, 1991. Carmelo Camilleri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici jghid illi l-konvenut kien

ammetta mieghu diversi drabi li kellu jaghti l-flus. Meta pero' sar l-ahhar pagament dana ma kellmux aktar. Kien imur is-salesman Lino Mercieca.

A fol 22 tal-process Mercieca jghid li zmien minnhom il-konvenut kien qallu biex ma jgiblux aktar prodotti tas-socjeta' attrici. Dana kien accetta, pero' fakkru li kien hemm ammont dovut favur l-istess socjeta'. Il-konvenut ammetta mieghu li ghandu jaghti dawn l-ammonti u kien imur ghandu sabiex jiehu xi pagamenti rateali. Mercieca jghid illi l-ahhar pagament li tah kien dak tat-22 ta' Marzu, 1991 u kien pagament ta' ghoxrin lira (Lm20). Ghal-habta ta' 1993 u 1994 il-konvenut kien cempillu u qallu illi huwa kien membru tal-Ghaqda tad-Dolciera u kienu ser ibieghu xi bajd frisk lill-membri taghha, fosthom is-socjeta' attrici. Din is-socjeta' dehrilha li kellha tnaqqas il-valur ta' dan il-bajd mal-flus illi kellu jaghti l-konvenut, pero' dana ghamilha cara illi dawn il-flus kienu dovuti lill-ghaqda u mhux lilu personalment u ma kienx il-kaz illi jsir xi tpacija, ghalhekk is-socjeta' attrici baghtet ic-cheque u hallset ghal dan il-bajd direttament lill-ghaqda izda baqghet ma rceviet ebda pagament mill-konvenut li skond hi kien wieghed illi ser jaghmel.

Fl-1997 imbaghad saret ittra ufficjali illi kopja taghha tinsab esebita f'dawn l-atti, l-konvenut minn nahha l-ohra jinnega li huwa ghandu jaghti xi flus lis-socjeta' attrici u jghid illi b'dak il-pagament li ghamel fl-1991 kien salda l-ammont kollu illi kien dovut.

Ikkunsidrat:

Il-punt kollu f'din il-kawza huwa r-rinunzja ghal preskrizzjoni da parti tal-konvenut kif qed jallegaw illi sar mis-socjeta' attrici. L-aktar li jmorru vicin huwa dak l-incident dwar il-konsenja tal-bajd mill-Ghaqda tad-Dolciera fejn ighidu illi l-konvenut kien ammetta maghhom illi ghandu jaghti xi flus. Dan il-konvenut jinnegah.

Skond sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Carmelo Micallef vs Brigadier John Bel Mc Chanse (Vol XXXV part 1 page 101) inghad "ir-rinunzja ghal preskrizzjoni ghandha tigi pruvata b'mod car u konkludenti u ma tistax tigi ammessa meta hija bazata fuq atti u fatti illi mhumiex univoci u jistghu jaghtu lok ghall-interpretazzjonijiet diversi".

Ricentement l-istess Qorti ta' l-Appell kellha okkazzjoni tippronuncja ruhha fuq l-istess suggett f'kawza deciza fit-2 ta' Gunju 2000 fil-kawza Silvio u Catherine Frendo vs Andrew Faenza fejn intqal illi r-rikonoxximent ta' debitu kellu jkun car u inekwivoku ghal finijiet ta' l-interpretazzjoni tal-preskrizzjoni. Din id-decizzjoni tpoggi mperspettiva din il-kawza fejn zgur illi ma setghax jinghad illi stante l-konflitt illi hemm f'dawn il-provi, l-interruzzjoni hija cara u inekwivoka. L-unika haga cara u inekwivoka li hawn f'din il-kawza huwa l-ahhar pagament illi sar fit-22 ta' Marzu 1991 u l-ittra ufficjali li giet ippresentata fit-30 ta' Gunju 1997. Din l-ittra ufficjali allura saret tard wisq biex tinterrompi l-perjodu preskrittiv illi beda jiddekorri zgur mill-1991, ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-eccezzjoni tal-konvenut kif ibbazata fuq l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta, tichad it-talba bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Dep Reg